MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2007

Numru 365/2000

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO BONELLO**
**SPETTUR SANDRO ZARB**

**KOTNRA**

**HAYTEM EL MAGOURE**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Haytem el Magoure ta’ 32 sena, bin Taher u Salma nee’ mhux maghruf, imwieled Tripoli nhar is-26 ta’ Mejju, 1975, residenti fil-fond Michael Mansions, Flat 5, Triq Nazju Falzon, Imsida, detentur ta’ passaport libjan 207977 minn Janzur, il-Libja, nhar it-18 ta’ Jannar, 1992;

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, nhar id-19 ta’ Mejju, 2000 u fil-jiem ta’ qabel din id-data, b’diversi atti maghmulin ukoll

jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

Talli nhar id-19 ta' Mejju, 2000 ghall-habta tal-10.00am, ikkommetta serq ta' fliexken tax-xorb li l-valur taghhom huwa ta' anqas mnin Lm500.00 (hames mitt lira maltin), mill-istabbiliment Price Club Discount Supermarket tas-Swatar, limiti tal-Imsida, gahd-detriment tad-dirigenti tal-imsemmi stabbiliment;

U aktar talli nhar id-19 ta' Mejju, 2000 ghall-habta tat-08.00pm ikkommetta serq ta' fliexken tax-xorb li l-valur taghhom huwa ta' inqas minn Lm100.00 (mitt lira maltin), izda iktar minn Lm10.00 (ghaxar liri maltin), mill-istabbilimenet Price Club Discount Supermarket ta' Valley Road, Birkirkara, ghad-detriment tad-dirigenti tal-imsemmi supermarket;

U aktar talli nhar is-17 ta' Mejju, 2000 matul il-gurnata, ikkommetta serq ta' fliexken tax-xorb li l-valur taghhom huwa ta' inqas minn Lm500.00 (hames mitt lira maltin), mill-istabbiliment Price Club Discount Supermarket ta' Valley Road, Birkirkara, ghad-detriment tad-dirigenti tal-imsemmi supermarket;

U aktar talli nhar id-19 ta' Mejju, 2000 ghall-habta tat-8.00pm, bil-hsieb li jaghmel offizi ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Carmel Gauci u Jason Azzopardi, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi tefa' zewg fliexken tal-vodka fid-direzzjoni taghhom, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

U aktar talli nhar id-19 ta' Mejju, 2000 ghall-habta tat-8.00pm, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-valur ta' hamsin lira maltin (Lm50.00), ghad-detriment tad-dirigenti tal-istabbiliment Price Club Discount Supermarket.

Wara li rat id-dokumenti ezebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li rat l-Artikoli 18, 214, 216, 217, 218, 261(c), 267, 279, 284, 285, u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat il-verbal tal-lum, fejn l-Ufficjal Prosekutur iddikkjara li l-imputat baqa’ ma nstabx, ghalkemm saru diversi tentattivi biex jingieb il-Qorti, u dan ghal dawn l-ahhar sitt snin;

Wara li rat li s-socjeta’ derubata hija ghaddejja proceduri ta’ falliment, u in vista tal-valur relattivament zghir tal-oggetti misruqa.

Tiddikkjara l-procediment ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------